**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 91 /2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Clyde Caruana Montaldo**

**Illum, 9 ta' April 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat, **Clyde Caruana Montaldo** detenur tal-karta tal-identita Maltija **260967M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-6 ta' Frar 2022 u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa telgħat ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar:

1. Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Matthew Cachia.
2. U aktar talli kien jaf jew missu kien jaf li kien ta fastidju lil Matthew Cachia

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta ta' Matthew Cachia ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 385, 412C.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-14 ta' Frar 2023, fejn iddkjarat lill-imputat Clyde Caruana Montalto mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u lliberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant **Avukat Ġenerali**, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar fit 9 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddisponi mill-każ skont il-liġi.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

Illi fl-għoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), il-kwerelant Matthew Cachia, ippreżenta rikors sabiex a tenur tal-Artikolu 414(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tibgħat lill-Avukat Ġenerali kopja tas-sentenza li ngħatat fil-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi flimkien mal-atti tal-kawża sabiex l-Avukat Ġenerali jkun jista' jeżercita d-dritt t' appell tiegħu skond il-liġi. Illi sussegwentament nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) il-Maġistrat Dr. Charmaine Galea ordnat li fi żmien tliet (3) ijiem minn meta ġie ppreżentat r-rikors, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess bil-mezzi elettronici, permezz tar-reġistratur, għal kopja skenjata flimkien ma' kopja skenjata tal-atti tal-kawża. Illi sussegwentement fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat b'tali sentenza in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti għoġobha tiddikjara lill-imputat Clyde Caruana Montaldo mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u lliberatu minnhom u dana wara illi l-kwerelant ma deherx sabiex jixhed fil-proċeduri.

Illi għalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha kull interess u l-obbligu tara li proċeduri sommarji ma jitwalux inutilment, minn naħa l-oħra ma jfissirx li għax fl-imsemmija seduta, ma deherx il-parti offiża, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tgħaddi sabiex tillibera lill-imputat;

Illi ħarsa lejn il-każ odjern, jirriżulta li nhar l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), il-prosekuzzjoni esebiet riferta negattiva ta' Matthew Cachia. Filfatt ħarsa lejn ir-riferta li hemm esebita fl-atti, jidher li l-pulizija ma kienx qed jirnexxilhom jinnotifikaw lill Matthew Cachia. Illi fin-naħa t' isfel tal-istess riferta hemm imniżżel *"Police Notice delivered at above address on the 07.02.23".*

Illi skont ir-rikors tal-kwerelant Matthew Cachia, fil-jum imsemmi, kien preżenti fl-edifiċju tal-Qorti jistenna li l-kawża tiġi mgħajta u miegħu kien hemm l-bqija tax-xhieda pajżana li kellhom jiddeponu fl-istess kawża. Illi skont l-istess rikors, la l-kwerelant u lanqas in-nies li kienu miegħu ma semgħu lill-uffiċjali tal-pulizija jgħajjtu ismu sabiex jidħol ġewwa u għaldaqstant ma deherx fl-awla mhux b'kapriċċ iżda sforz xi ħaġa indipendenti mill-volonta tiegħu.

Illi l-prosekuzzjoni kienet talbet differiment, liema talba pero ġiet miċħuda.

Illi kif indikat aktar il-fuq, fil-każ odjern, mill-atti jidher li l-prosekuzzjoni pruvat tinnotifika lill-kwerelant.

F' dan ir-rigward, jekk wieħed jagħti ħarsa lejn is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002), fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sammut Peter Ferdinans k/a Pierre**, ingħad illi -

> *"Il-fatt li xhud ma jidhirx ghal udjenza partikolari ma jfissirx li huwa prekluz milli jixhed fudjenza ohra, u dan anke f'kawzi sommarji. Ma hemm xejn fil-ligi u fil-gurisprudenza li b'xi mod jissuffraga tali proposizzjoni. Jekk xhud, debitament notifikat, ma jidhirx u l-parti li tkun talbitu ma tirrinunzjax ghalih, il-qorti ghandha tghaddi biex tipprovdi skond il-ligi kontra dak ix-xhud u tiddifferixxi sabiex huwa jinstema' f'udjenza ohra.*

*Jekk ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma jidhirx u (i) il-prosekuzzjoni ma tipprezentax riferta jew*

*i ii (ii) ir-riferta tkun wahda negattiva u n-nuqqas ta' notifika jkun attribwibbli għal xi nuqqas tal-prosekuzzjoni, il-qorti tista' tibqa' ghaddejja bis-smigh tal-kawza u, jekk ma jkunx hemm raguni ohra ghal differiment, tista' wkoll tghaddi minnufih ghas-sentenza;*

Illi, fil-fehma tal-esponent, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta gaddiet għas-sentenza tagħha u lliberat lill-imputat minn kull akkuża u ħtija wara li rat li ma hemmx provi biżżejjed sabiex issib ħtija stante nuqqas li jixhed il-*parti offiza.* Dana qed jingħad fid-dawl tal-fatt illi l-parti offiża, fil-proċediment odjern, kien xhud tal-Prosekuzzjoni u xhud li għalkemm naqas li jidher, dan ma kienx minħabba xi nuqqas attribwibbli min-naħa tal-prosekuzzjoni. Se mai, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha mezzi oħra sabiex taċċerta li l-istess *parte offiża* jidher għas-seduti tal-proċeduri odjerni;

Illi bid-dovut rispett, il-*parte offiża* kienet indubjament xhud indispensabbli għas-suċċess fil-proċeduri fil-konfront tal-imputat, u għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha taġġorna s-smiegħ tal-kawża odjerna għal data oħra u tieħu l-provedimenti neċessarji sabiex tassigura l-attendenza tal-partijiet għas-seduta sussegwenti;

Illi f'dan ir-rigward irid jingħad ukoll illi minkejja l-fatt illi l-proċeduri odjerni huma ta' natura sommarja u kwindi huwa rikonoxxut li tali kawża ma għandhiex iddum tkaxkar inutilment, dan bl-ebda mod ma jimpedixxi l-Ewwel Onorabbli Qorti milli taġġorna s-smiegħ tal-kawża għal data oħra u dana dejjem konsiderando r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja;

Illi wkoll, ħarsa lejn l-artikolu 377(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jitratta l-għoti ta' sentenza f kawża sommarja, jistipula li "meta jingħalaq is-smiegħ tal-

kawża, il-Qorti, dakinhar stess, jekk jista jkun, tagħti sentenza billi tillibera jew tikkundanna l-imputat". Minn tali artikolu wieħed jara kif:

1) Jekk jista' jkun, is-sentenza għandha tingħata meta jingħalaq is-smiegħ tal-kawża; u

2) Ma hemm l-ebda obbligu riġidu li l-Qorti għandha tagħti s-sentenza dakinhar stess li tinstema' l-kawża.

Illi fil-kaz **<u>il-Pulizija vs Clive Debono</u>** deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti ppreseduta mill-Imħallef J. Galea Debono (14/9/2004) ingħad li l-fatt li ma jidhirx xhud jew xhieda, ma tiġġustifikax lill-Qorti tipprova lill-prosekuzzjoni minn prova indispensabbli, u taqbad u tgħaddi għas-sentenza;

Illi di piu, u mingħajr preġudizzju għall-importanza tax-xhieda tal-*parti offiza*, ix-xhieda tal-*parte offiża* ma kinitx l-unika xhieda u filfatt esebit in atti wieħed isib affidavit ta' PS 55 I. Cutajar u dokumenti relatati mal-każ odjern.

F' dan ir-rigward, għandha ssir referenza għall-artikolu 360A tal-Kodiċi Kriminali:

> *360A. (1) Fi proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal- Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali taht I-artikolu 370(1) il-Pulizija tista', flimkien maċ-ċitazzjoni jew f'kull waqt li jigi wara, tinnotifika lill-akkużat kopji ta' kull affidavit magħmul minn uffiċjal pubbliku jew minn impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'ligi jew minn rappreżentant ta' xi intrapriża, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici u li għandu jingieb bhala xhud tal-prosekuzzjoni f'dawk il- proceduri kif ukoll dokumenti li jkunu se jingiebu bħala provi fl-istess proċeduri, u jekk l- akkużat ikun irid jagħmel kontro-eżami lil xi persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi, huwa*

*għandu, mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel l-ewwel seduta li tigi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, javża b'dan lill-Kummissarju tal- Pulizija b'ittra registrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-eżami għandha titharrek biex tixhed fil-proċeduri:*

*Izda ghall-finijiet ta' dan is-subartikolu il-kelma "dokument" għandu jkollha l-istess tifsira moghtija lilha bl-artikolu 558(2):*

*Izda wkoll meta jirrizulta li ma kienx possibbli għall-imputat li jaghti avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija fit-żmien provdut kif imsemmi qabel, dak l-avviz li huwa jkun jixtieq jagħmel il- kontro-ezami jista' jinghata matul l-ewwel seduta li tigi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, fliema każ il-persuna li għandu jsirilha l-kontro ezami għandha titharrek biex tixhed fisseduta li jkun imiss.*

*(2) Il-persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lill-akkużat kif provdut fis-subartikolu (1) ma għandhiex titharrek biex tixhed fil-proceduri jekk l-akkużat jongos milli jaghti avviż tal- hsieb tiegħu li jagħmel kontro-eżami lil dik il-persuna kif provdut 'dak is-subartikolu u dak l- affidavit għandu jkun ammissibbli bħala prova b'xichda tal-kontenut tiegħu f'dawk il- proċeduri bl-istess mod bhallikieku kien xiehda moghtija viva voce fil-preżenza tal-akkużat.*

Illi fl-isfond ta' dan kollu li ngħad hawn fuq, fl-umli fehma tal-esponent, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx legalment u raġjonevolment iċċaħħad lill-prosekuzzjoni minn prova tant indispensabbli, u cioe il-parti offiża, u sussegwentament tillibera lill-imputat minħabba nuqqas ta' provi.

Semgħet lill-partijiet jirrimettu ruħhom għall-atti proċesswali u dan fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2024.

Rat li din il-kawża tinsab differita għas-sentenza għal illum.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi fis-seduta tal-14 ta' Frar 2023 deher l-appellant assisti minn Dr Mariah Mula u f'din is-seduta l-prosekuzzjoni esebiet l-affidavit ta' PS55, rapport tal-inċident u dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd tal-parir legali.

Il-parte civile Matthew Cachia ġie imsejjaħ u ma dehrx u l-prosekuzzjoni esebiet ir-riferta negattiva tiegħu a fol. 11.

Il-prosekuzzjoni talbet differiment pero id-difiża oġġezzjonat u l-Qorti ordnat il-kontinwazzjoni tas-smiegħ tal-kawża. Il-prosekuzzjoni għaddiet biex tiddikajra li ma kellhiex provi oħra xi tressaq dakinhar u d-difiża iddikjarat ukoll li m'għandhiex provi xi tressaq u l-kawża ġiet deċiża.

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa in-notifika esebita fl-atti a fol 11 u jirriżulta li fil-parti t'isfel tagħha fejn hemm intitolat *'Notifika servuta'* jirriżulta li l-pulizija ittentat biex tinnotifika lill-*parte civile* mill-inqas f'għaxar okkażżjonijiet iżda ma sabitx lil *parte civile* hemm. Illi għalhekk żgur li ma jistax jingħad li l-proskeuzzjoni kienet ittraskurata meta ma nnotifikatx il-*parte civile.*

L-Avukat Ġenerali jgħid li l-ewwel Qorti messha akkordat it-talba tal-proskeuzzjoni sabiex tiddiferixxi il-każ u dan għaliex l-*parte civile* ma deherx mhux tort tal-prosekuzzjoni għaliex l-prosekuzzjoni għamlet l-almu tagħha biex tinnotifikah.

Illi din il-Qorti filwaqt li tissimpatizza mas-sitwazzjoni li l-Qrati tal-Maġistrati jistgħu xi min daqqiet jinsabu fihom, cioe' li ma jkunux jistgħu jipproċedu biex jisimgħu kawżi għax xhud jew xhieda ma jidhirx jew ma jidhrux, tara li dan ma jiġġustifikax li dik il-Qorti tippriva lill-prosekuzzjoni minn prova indispensabbli w taqbad u tgħaddi

għas-sentenza meta jirriżulta li l-prosekuzzjoni tkun għamlet l-almu tagħha. (Ara. Appelli Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Mario Saliba**[1];; **Il-Pulizija vs. Mario Magri**[2]; "**Il-Pulizija vs. Francis Callus**[3]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zarb**; **Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et**.[4] u **l-Pulizija vs. Francis Borg**[5].

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija –vs- Joseph Dougall**[6] il-Qorti kienet irriteniet illi: -

> *"Biex l-Avukat Generali (jew skond il-kaz, il-kwerelant) ikun jista' jappella f'kazijiet fejn ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma jidhirx, dan irid jirrizulta mill-atti: bhala minimu li dak ix-xhud kien gie debitament innotifikat, jew li l-prosekuzzjoni ghamlet dak kollu minnha mistenni biex tipprova tinnotifikah. Il-prova li xhud gie nnotifikat jew li sar tentattiv ta' notifika ghandha ssir, bhala regola, permezz tar-riferta."*

Illi in oltre kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija –vs- Monica Schranz**[7] deċiża fil-21 ta' Frar 1997 minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, *"L-ezebizzjoni tar-riferta kienet indikazzjoni cara li l-prosekuzzjoni ma kinitx qed tirrinunzja ghal dak ix-xhud ghax kieku ma kien ikollha ebda interess li tesebixxi r-riferta relattiva."*

Illi l-esponent jgħid b'kull rispett lejn il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti, illi fid-dawl tal-ġurisprudenza hawn fuq imsemmija, il-Qorti kienet fid-dmir li tara li l-każ jitkompla skond il-liġi u dan speċjalment meta l-istess xhud kien indispensabbli u ammissibli skond il-liġi. Illi differiment wieħed ma kienx ser jirreka preġudizzju lill-imputat. Mill-banda l-oħra pero billi l-Qorti għaddiet minnufih għas-sentenza, l-Qorti ċaħdet lill-prosekuzzjoni d-dritt għal provi indispensabbli sabiex jiġu pruvati l-akkużi kontra l-appellat. Illi, tali deċiżjoni ma kinitx ser timpinġi wisq fuq is-sommarjeta tas-seduta

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Ottubru 1982
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta Mejju 1993
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta Settembru 1993
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta Dicembru, 1993
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta Dicembru, 1993
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Onor. Vincent DeGaetano LL.D
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Onor. Vincent DeGaetano LL.D. fil-21 ta' Frar 1997

konsiderando li din kienet l-ewwel seduta appuntata, allavolja kien ikun aktar deżiderabbli li kieku l-proċedura kollha nstemgħet u ingħalqet fl-istess seduta. Illi in oltre ma hemm xejn li jimpedixxi lil dik il-Qorti li tidiferixxi l-kawża għal data oħra.

Illi l-esponent jagħmel referenza għad-diċitura tal-liġi senjatament fl-artikoli 374 u 375 tal-Kodiċi Kriminali f'liema artikoli m'huwiex speċifikat b'ebda mod illi l-provi f'kawża sommarja iridu jinstemgħu f'seduta waħda biss u dan peress li l-liġi tgħid biss illi *"t-tmexxija tal-kawza ghandha ssir fil-qosor u bil-fomm u fl-ordni li gej ..."* kif preskritt fl-Artikolu 374 b'applikazzjoni ukoll għall-artikolu 375. Illi kwindi filwaqt li huwa rikonoxxut li kawża sommarja m'għandix iddum tkaxkar inutilment (ergo it-terminu sommarja) il-liġi ma tispeċifikax li kull prova trid bilfors tinstema' f'darba waħda allavolja hekk ikun desiderabbli.

In vista tas-suespost din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u tirrevoka contrario imperio is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti u sabiex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-kawża tiġi trattata w deċiża mill-ġdid skond il-liġi.

**Dr Consuelo Scerri Herrera** | **Maria Grech**

**Imħallef** | **Deputat Reġistratur**